*Panzavecchia u Vassalli (II)*

# Ex Dictis Vassalli

Panzavecchia kien ġabar tagħrif ieħor "minn fomm Vassalli" fuq il-konġura kontra l-Ordni fl-1797 u fuq il-proċess



Il-Gran Mastru Hompesch, Ġakbin. Pittura attribwita lil Antonio Xuereb u li tinsab il-Palazz, il-Belt © Il-Mużew Nazzjonali ta l-Arti, il-Belt (nru 8167)



minn David AGIUS MUSCAT

Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850) jibqa' magħruf l-aktar għall-ktieb fuq l-istorja ta' Malta, *L'Ultimo Periodo* (1835). Dan il-ktieb jitratta l-aħħar żminijiet ta' l-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk fih tagħrif fuq il-konġura kontra l-Ordni, li fiha ħa sehem Vassalli. It-tagħrif tiegħu Panzavecchia kien kisbu mid-dokumenti li għadhom jinsabu fil-Biblijoteka Nazzjonali l-Belt, u mingħand xi xjuħ li jew kienu xhieda tal-ġrajjiet jew inkella kienu ħadu sehem fihom.[1] Fost dawn ix-xjuħ jissemmew D. Giuseppe Galea u Mikiel Anton Vassalli.[2]

Fl-1797 D. Giuseppe Galea kien Ruma u kien iltaqa' ma' min kien il-mexxej tabilħaqq tal-konġura, kif se naraw iktar 'l isfel.[3]

Panzavecchia kien sar midħla ta' Vassalli madwar l-1825.[4] Dik il-ħabta Panzavecchia kellu *28 sena u kien segretarju tal-Kunsill ta' l-Università. Vassalli, mill-banda l-oħra,* kellu 61 sena u kien għadu kemm ingħażel bħala l-ewwel għalliem fl-iskola tal-Malti fl-Università.

## L-osservazzjoni ta' Ninu Cremona

Ninu Cremona kien basar li Panzavecchia seta' kien jaf iktar fuq x'għadda minn għala Vassalli fl-1797. Fil-fehma tiegħu, (Panzavecchia) kien l-aqwa kittieb li seta' jħallilna l-irqaq tifkiriet fuqu. Dnub li wara dan il-proċess u weħla ħabs ta' Vassalli, fuqu ma għarrafna xejn iżjed. Cremona jżid jinnota li Panzavecchia seta' jimla bosta toqob tal-ħajja mqallba ta' Vassalli minn mindu dan kellu jaħrab mill-ħabs tar-Rikażli sa meta ġie biex jagħlaq għajnejh.[5]

Kif se naraw, Cremona kellu raġun. Fl-abbozzi ta l-UP, li jinsabu fl-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina, wieħed isib tagħrif ieħor jaħraq u li għal xi raġuni Panzavecchia baqa' ma ppubblikahx.

## Żewġ partiti: Vassalli kontra l-Ġakbini

Meta Vassalli ġie lura Malta fl-1796 bil-ħsieb li jibqa' hawn għal kollox, f'Malta kien sab partit tal-Ġakbini.[6] Dan il-partit kien immexxi minn Fra Domenico Bonavita li, għalkemm kien membru u involut fl-Ordni, kien għadu ewlieni tagħha.[7] Skond ma qal Vassalli lil Panzavecchia, Bonavita kien ukoll l-aġent sigriet tal-Balliju Hompesch.[8] Il-Ġakbini kienu qed jaħdmu biex Malta tgħaddi f'idejn il-Franċiżi.[9] Xi membri ta' dan il-partit kienu kavallieri Franċiżi, u mħeġġa kif kienu bl-ispirtu rivoluzzjonarju li ġabu magħhom minn pajjiżhom, xerrdu l-entużjażmu tagħhom għar-rivoluzzjoni fost xi Maltin.[10]

Vassalli qies il-qagħda diffiċli li Malta kienet għaddejja minnha u biex iħarisha waqqaf partit ieħor magħmul minn patrijotti Maltin.[11] Il-partit ta' Bonavita u l-partit ta' Vassalli kellhom għanijiet opposti[12] u dan ifisser li fil-bidu Vassalli ma kellux sehem fil-partit tal-Ġakbini. Għalih Malta ma setgħetx timxi 'l quddiem ħlief taħt l-Ordni jew inkella taħt gvern lokali.[13]

Dik il-ħabta li Vassalli kien qed imexxi l-partit tiegħu, hu kien qed igawdi stima kbira għax kien għadu kemm ippubblika l-*Lexicon*.[14]

## Hompesch Ġakbin

Vassalli kien mistieden jingħaqad mal-partit il-kbir tal-Ġakbini, iżda hu ma aċċettax.[15] Lill-Maltin li kienu mxebbgħa bit-tmexxija tal-Kavallieri ħaseb li kien aħjar kieku jgħarrafhom x'kien jaqbel lil pajjiżhom.[16] B'dan il-ħsieb f'moħħu bagħat memorjal lill-Balliju Hompesch li, skond ma kiteb Panzavecchia, dik il-ħabta kien qed jidher għall-Gran Mastru De Rohan *("essendo Reggente")*[17] u kien ukoll ħaġa waħda mal-Ġakbini.[18]

## Il-memorjal

Fil-memorjal, Vassalli kien talab lill-Ordni li, biex il-qagħda ta' Malta titjieb, kien jeħtieġ (i) tieqaf tiġġieled lill-Misilmin, (ii) tiftaħ il-port ta' Malta għall-kummerċ mal-Lvant (iii) u żżid il-Lingwa Maltija mal-bqija tal-Lingwi fi ħdan l-Ordni biex il-poplu ta' dawn il-gżejjer jerġa' joqrob lejn il-Kavallieri[19] wara li kien tbiegħed minnhom minn żmien ir-Rewwixta tal-Qassisin (1775).[20] Dan il-memorjal, minsuġ hekk bil-għaqal, ma ntlaqax u Vassalli dar mal-partit tal-ġakbini biex jara t-tmexxija ta' pajjiżu tgħaddi f'idejn il-Maltin u biex, bis-sehem tiegħu, jikkontrolla aħjar l-azzjonijiet tal-Ġakbini.[21]

Għalkemm daħal fil-partit tal-Franċiżi, Vassalli xorta baqa' jmexxi 'l-partit tiegħu li sadanittant kien stagħna bis-sħubija ta' ħafna żgħażagħ.[22]

## Il-konġura ta' Hompesch

Skond Panzavecchia l-konġura ta l-1797 kien fassalha Hompesch.[23] Hu ried ikeċċi l-Ordni minn Malta u qabbad lil Fra Domenico Bonavita[24] biex jissieħeb ma' Vassalli u jmexxu l-konġura flimkien.[25]

Vassalli beda jaħdem biex itajjar il-Gvern ta' l-Ordni. Hu kien il-kap tal-kapijiet u taħtu kellu ħdax-il elf ruħ u l-munizzjon.[26] Il-kapijiet ta' taħtu kienu Giuseppe Micallef *ta' Buda*, il-kap tan-nies tal-Marina; Vincenzo Barbara, il-kap tan-nies tas-Suq; Gio Batta Triganza, il-kap tan-nies tal-Furjana; u n-nutar ***,[27] il-kap tan-nies tat-Tlitt Ibliet.[28]

Iżda l-Gran Mastru De Rohan kien ilu jxomm xi ħaġa tinten, u bl-għajnuna tal-Kongregazzjoni li mexxietu bil-għaqal, u bis-saħħa ta' miżuri f'waqthom, il-konġura ġiet imxejna.[29]

Il-konġura nkixfet fil-bidu ta' Mejju 1797.[30] Wieħed Mirabella stqarr li kien ħa minn ras ibnu Titto, li kien qed jieħu sehem fil-konġura, it-tagħrif li kien fdalu Ċensu Barbara.[31]

Hekk kif inkixef kollox, Bonavita ra kif għamel biex ma jiġix implikat fl-istħarriġ tal-Gvern.[32] Skond ma qal Vassalli lil Panzavecchia, ftit jiem wara Hompesch bewweġ lil Bonavita 'l barra minn Malta.[33] Panzavecchia jżid li Bonavita kien siefer fid-9 ta' Mejju 1797,[34] u mit-tagħrif li jagħti hu Domenico Bonavita, nafu li kien mar Pariġi.[35]

Vassalli stqarr ma' Panzavecchia li ftit ġranet wara, hu u sħabu kienu nqabdu u ġew mixlija li kellhom ftehim politiku ma setgħat barranin.[36]

Fl-10 ta' Mejju 1797[37] tlaqqa' l-Kunsill u nħatret Kummissjoni Kriminali biex tmexxi l-proċess tal-konġura.[38] Din il-Kummissjoni kienet immexxija minn erba' kummissarji: il-Balliji Hompesch, Loras, Tommasi u Cascaxares.[39] Dawn kienu megħjunin mill-giurisperiti Maltin Bonanni, Farrugia u Assenza.[40] Band'oħra Panzavecchia jsemmi wkoll is-sehem ta' l-imħallef Cassar.[41] Il-Kummissjoni kellha tistħarreġ lil min, bħal Vassalli u Barbara, kien imdaħħal fil-konġura.[42]

Din il-Kummissjoni għamlet minn kollox,[43] jew ippruvat turi hekk,[44] biex tikkonvinċi lill-mixlija jistqarru ħtijiethom. Għalkemm Vassalli u Barbara ħaddmu rashom u ma waqgħux fin-nassa ta' Bonanni, Vassalli spiċċa maqful ir-Rikażli u Barbara spiċċa eżiljat.[45]

Skond Panzavecchia, matul il-proċess kien jidher ċar li żewġ kummissarji minn erbgħa, Hompesch u Loras,[46] kellhom jiġġudikaw individwi li kienu jaqblu magħhom stess politikament.[47] Kien qed jidher ċar ukoll li Hompesch kien il-bniedem li, qabel ma nkixfet il-konġura, kien offra appoġġ lill-mixlija b'mod sigriet.[48]

Madankollu s-sehem ta' Hompesch baqa' ma nkixifx.[49] Dakinhar li arrestaw lil Vassalli u qafluh il-Kastellanija, il-Belt,[50] in-nies tal-ħabs qalulu lil Vassalli, li raġel, li ma kinux jafuh, xtaq ikellmu.[51] Dan ir-raġel inħeba wara ħajt ta' l-injam li kien jaqsam il-ħabs[52] u nqeda bid-dlam ta' hemmhekk[53] biex fis-satra jhedded lil Vassalli li jekk jazzarda jsemmi lil Hompesch waqt l-istħarriġ, kienu se joqtluh.[54] *Vassalli wiegħu li ma kienx jafu lil Hompesch.*[55] Kif qallu hekk, ir-raġel telaq bla ma lissen xejn iżjed.[56] Dan kollu ġara jum qabel ma Vassalli kellu jitressaq għall-istħarriġ.[57]

L-interrogatorju ta' Vassalli ħa fit-tul. Waqt l-istħarriġ sabulu ittra fuqu ta' D. Ciccio indirizzata lill-Kardinal Stefano Borgia. Il-kummissarji u l-imħallfin bdew jissuspettaw ħażin u ħasbu li xi setgħa barranija kienet qed iżżomm kuntatt ma' Vassalli b'ittri bħal din.[58] Panzavecchia jkompli jgħidilna li xahar wara, jiġifieri f'Ġunju, lil Vassalli kienu qafluh ir-Rikażli.[59]

Waqt li kien maqful ir-Rikażli, Vassalli mexxielu jibgħat ittra lill-Kardinal Borgia. Din l-ittra kitibha bl-alfabett Malabariku, taparsi biex jinterpreta skrizzjoni li Borgia kien bagħatlu qabel.[60]

Il-Gvern kien jaf bis-sehem ta' xi kavallieri fil-konġura u, minkejja l-gravità tal-każ, qagħad lura milli jimxi b'id tal-ħadid mal-mixlija għax kien qed jibża' li xi kavallieri setgħu jinkixfu.[61]

## Fra Domenico Bonavita[62]

Lil Bonavita konna ħallejnieh meta, hekk kif inkixfet il-konġura, Hompesch għaġlu jitlaq barra minn Malta u baqa' sejjer Pariġi.

Skond ma D. Giuseppe Galea kien stqarr ma' Panzavecchia, Bonavita, fi triqtu lura minn Pariġi, niżel Bologna u hemmhekk stieden lil Napuljun biex jasal Malta u jaħkimha.[63] Wara, Bonavita baqa' niezel Ruma u għarraf bil-proposta tiegħu lil Galea.[64] Għalkemm il-manuskritt ta' Panzavecchia



Hompesch ħarrab lill-aġent sigriet tiegħu Domenico Bonavita hekk kif sar jaf li nkixfet il-konġura. Panzavecchia kiteb li din it-tagħrifa kien qalhielu Vassalli © L-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina

• għal paġna 17

